# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 28 ta' Gunju, 2017**

**Talba Nru: 170/2017 PM1**

**Equinox Advisory Limited (C59998)**

**Vs**

**Stephanie Galea (K.I. 467073(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 t' April, elfejn u sbatax (2017) permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet illi l-konvenuta tgi kkundannata thallasha s-somma ta' disa' mitt euro (€900) rapprezentanti dritt dovut ghall-kors offert mill-istess socjeta` rikorrenti intitolat 'Award in Aspects of Work Psychology' u li l-intimata rregistrat ghalih izda liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi interprellazzjonijiet maghmulha u dan skont il-fattura annessa mal-istess avviz bhala Dok. 'EA1' bl-ispejjez kollha tal-prezenti kif ukoll bl-imghax bl-ghola rata permissibbli bil-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata minn Dr. Carlo Bisazza a nom tal-intimata fis-seduta tal-lum stess.

**Ikkunsidra**

Illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata u waqt is-seduta tal-lum stess ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-rikors permezz tad-debita nota ta' ammissjoni prezentata *seduta stante* mill-avukat difensur taghha.

Illi l-kawza giet posposta ghas-sentenza in vista ta' tali ammissjoni da parti tal-intimata.

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni surreferita, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-istess kumpannija attrici s-somma ta' disa' mitt euro (€900) rapprezentanti dritt dovut ghall-kors offert mill-istess socjeta` rikorrenti intitolat 'Award in Aspects of Work Psychology' u li l-intimata rregistrat ghalih izda liema ammont baqa' ma thallasx minnha bl-ispejjez kollha tal-azzjoni prezenti kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**